# BEATU NAZJU FALZON

(1813-1865)

**Dun Anton Mallia Borg**

Sa minn bosta snin ilu, il-Maltin kienu jistaqsu meta ser jasal il-waqt li Nazju Falzon jiġi mgħolli għall-unur ta' l-artali? Fl-imgħoddi ingħad u nkiteb bosta dwaru. Patri Marjanu Vella Franġiskan qara u għarbel sewwa kitbiet u dokumenti li ntbagħtu Ruma għall-istudju.

Nazju twieled il-Belt Valletta fl-1 ta' Lulju 1813. Hu kellu trobbija tajba u kien tfajjel bil-għaqal, ubbidjenti u b'ħeġġa kbira għall-qdusija. Hu kien tassew devot ta' San Ġużepp, tal-Madonna u ta' San Benedittu Ġużeppi Labrè. Nazju studja tajjeb il-Latin u t-Taljan. Waħdu studja l-Ingliż li kien jaf jitkellmu sewwa u tant irrikmanda li l-qassisin ikunu jafuh tajjeb. Nazju kien iħobb 'l Alla fuq kollox u qabel kollox. Hu kellu ġibda kbira għat-tagħlim, mhux biss tal-lingwi iżda fuq kollox tal-Katekiżmu. F'dan il-qasam hu tant impenja ruħu, mal-Maltin u mal-barranin, l-aktar fost armata ta' għoxrin elf suldat u baħri li kienu Malta fi triqithom għall-gwerra tal-Crimea (1853-56). Hu rnexxielu jikkonverti minnhom bosta Protestanti u Lhud (madwar 600). (Ara pittura tal-Professur Gannella ta' Ruma).

Nazju kien jagħti lezzjonijiet tal-privat bla ebda ħlas. F'Settembru 1833



laħaq avukat u seta' jagħti pariri legali b'xejn lill-poplu. L-Isqof ordnah Kjeriku, iżda bħal San Franġisk ma ħassx li kien jistħoqqlu jsir qassis. Kien jagħmel karità u kien igħaddi bosta sigħat fit-talb, ukoll fil-kappella privata, billi żewġ ħutu oħra kienu saċerdoti. Fix-xhur tas-sajf kien jiġi Birkirkara flimkien ma' ħuh Dun Kalċidon, fid-dar 284, Triq San Ġiljan, post li ġie mqaddes bil-preżenza qaddisa tiegħu. Il-Postulatur P. Giovanni Folguera żar miegħi u mal-Prepostu, il-kmamar kollha ta' din id-dar kbira, li fiha Nazju kellu kuntatti ma' Alla, sa kien jinqata' mill-art u jidher b'dija ħierġa minnu. Il-Beatu l-ieħor Malti Dun Ġorġ Preca, li għadda xi perijodu Birkirkara, barra ż-żjajjar li kien jagħmel hawn, kien spiss isemmi lil Nazju fid-diskorsi tiegħu lill-poplu, minħabba l-impenn tiegħu li jgħallem lill-poplu fuq Alla.

Il-mard ma ħafirhiex lil Nazju u billi kien bniedem ta' talb tant soffrih b'rabta sħiħa ma' Alla. Kien attakk tal-qalb li wasslu fi tmiem ħajtu, assistit minn ħuh li tah l-Assoluzzjoni. Kien jum it-52 sena tal-*birthday* tiegħu. Il-funeral sarlu jumejn wara fil-Knisja ta' Ġieżu, fejn kien midfun sa ma l-fdal tiegħu ġie eżumat dawn l-aħħar xhur biex jitpoġġew f'relikwarju.

Birkirkara tgħożż lil dan il-beatu kif tqim ukoll lil Dun Ġorġ u lil Beata Adeodata Pisani li nitolbuhom jiftakru dejjem fina.


# MANUEL GRIMA

**(il-Ħaċċ)**

*Wholesaler and Retailer in Tobacco Goods, Wines and Spirits, Sweets, Confectionery*




**18, St. Helen Square**
**Birkirkara**